**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 27 ta' April, 2016

Rikors numru : 382/2015 AL

A B
vs
C B

Il-Qorti:

Rat ir-rikors tar-rikorrenti, li permezz tieghu ppremetta :

1. Illi l-partijiet izzewgu fis-17 ta' Settembru 1981 u minn dan iz-zwieg ghandhom tlett itfal, illum ilkoll maggorenni;
2. Illi l-partijiet isseparaw legalment fis-16 ta' Lulju 2015 madanakollu ilhom separati *de facto* ghal iktar minn erba` snin hekk kif ikkonfermat f'artikolu numru tlieta tal-kuntratt ta' separazzjoni anness Dok. JM1;
3. Illi m'hemm ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi minbarra li ilhom iktar minn 4 snin separati, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;
4. Illi r-rikorrent obbliga ruhu skont l-kuntratt ta' separazzjoni li jhallas manteniment ghal bintu Y, li minkejja li hija maggorenni ghadha tistudja; dan il-manteniment qed jigi mhallas

regolarment u ma hemmx arretrati; il-partijiet irrinunzjaw mid-dritt taghhom li jitolbu jew jircievu manteniment minghand xulxin;

5. Illi l-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghal ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talab li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-konjugi B;

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien imholli ghal dan il-ghan mill-Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tas-6 ta' Ottubru, 2015;

Semghet lir-rikorrenti jikkonferma bil-gurament ir-rikors promotur;

Rat illi l-intimata debitament notifikata ma ipprezentat risposta u ma dehritx ghal dawn il-proceduri;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mis-16 ta' Lulju 2015 u ilhomde facto separati ghal aktar minn erba' snin;

Illi r-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.